

# Lezzjoni għal dawk li għandhom aktar minn 60 sena

**Manwal** pass pass għall-professjonisti tal-  
edukazzjoni



## WERREJ

<b>LEZZJONI SPEĊJALMENT GĦAL DAWK LI GĦANDHOM AKTAR MINN 60 SENA.....</b>	<b>3</b>
<b>MESSAĠĠI EWENIN U OBJETTIVI TA' TAGĦLIM .....</b>	<b>5</b>
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM GĦAL PERSUNI LI GĦANDHOM AKTAR MINN 60 SENA .....	5
<b>DWAR IL-LEZZJONI .....</b>	<b>6</b>
STRUTTURA U TUL TAL-LEZZJONI .....	6
TĦEJJIJA .....	6
MATERJAL U ĦOLOQ.....	10
INFORMAZZJONI TA' SFOND GĦALL-GĦALLIEMA .....	10
<b>IL-LEZZJONI PASS PASS .....</b>	<b>11</b>
INTRODUZZJONI .....	11
PARTI 1 - L-UE U PAJJIŻNA .....	11
PARTI 2 - ILBIERAĦ U LLUM.....	15
PARTI 3 - L-INFLUWENZA TA' PAJJIŻNA FL-UE.....	17
TMIEM IL-LEZZJONI.....	19

# Lezzjoni speċjalment għal dawk li għandhom aktar minn 60 sena



Dan il-manwal huwa parti minn pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew. Hemm sitt kategoriji ta' lezzjonijiet biex jiġi żgurat li jkun hemm lezzjoni xierqa għal kull livell edukattiv fl-UE.

Il-manwal li qed taqra bħalissa fih pjan ta' lezzjoni li ġie żviluppat b'mod speċjali għal persuni li għandhom aktar minn 60 sena. Il-lezzjoni mhijiex adattata għall-użu individwali, iżda bħala attività fi grupp. Pereżempju, matul programm ta' taġlim tul il-ħajja f'ċentru komunitarju jew programm għal persuni akbar fl-età f'università.

Jekk din il-lezzjoni mhijiex adattata għall-grupp tiegħek jew jekk inti tgħallem ukoll gruppi oħra f'livelli edukattivi differenti, jekk jogħġbok ara l-lezzjonijiet l-oħra fil-pakkett tal-edukazzjoni ċivika li huma mmirati għal:

- Studenti fl-edukazzjoni primarja ± minn 9 sa 12-il sena
- Studenti bi profil ta' Prattika fl-iskola sekondarja (għolja) ± minn 12 sa 19-il sena
- Studenti bi profil ta' teorija fl-iskola sekondarja (għolja) ± minn 12 sa 19-il sena
- Studenti bi profil ta' Prattika fl-edukazzjoni terzjarja ± minn 17 sa 25 sena
- Studenti bi profil ta' teorija fl-edukazzjoni terzjarja ± minn 17 sa 25 sena

Tista' ssib il-pjanijiet kollha tal-lezzjonijiet li jappartjenu għall-pakkett tal-edukazzjoni ċivika taħt il-link li ġejja:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/educational->

## Din il-lezzjoni taqdi l-ħtiġijiet edukattivi ta' persuni li għandhom aktar minn 60 sena.

Maria (67) ħadmet f'lukandi u ristoranti ħafna minn ħajjitha u rtirat ftit tas-snin ilu. Hija kienet miżżewġa iżda qatt ma kellha tfal. Minn mindu miet żewġha qed tipprova tiltaqa' ma' nies ġodda biex u tixtieq tiddedika ż-żmien biex titgħallem affarijiet ġodda.

Il-lezzjoni ideali tagħha hija dwar xi ħaġa li tista' tirrelata magħha. L-informazzjoni ġdida u l-bidliet fil-perspettiva ssibhom interessanti, sakemm dawn ma jkunx wisq f'daqqa. Teħtieġ iż-żmien biex taħseb u tipproċessa għarfien ġdid.

Maria tixtieq titgħallem aktar dwar l-UE sabiex tkun tista' tingħaqad f'konverżazzjonijiet dwar il-politika. Hija tixtieq tkun taf x'qed tagħmel l-UE għall-persuni akbar fl-età u għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

[resources-teach-learn-play/](#), kif ukoll materjal edukattiv ieħor jekk tixtieq tqatta' aktar ħin titgħallem dwar l-UE.

Nota: dejjem ibda b'din il-lezzjoni, peress li tintroduċi l-UE b'mod aċċessibbli għall-grupp fil-mira.

## Messaġġi ewenin u objettivi ta' tagħlim

Il-pakkett tal-edukazzjoni ċivika żviluppat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew għandu l-għan li jħalli impatt billi jispjega "għaliex, xiex u kif" b'rabta mal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. L-enfasi hija fuq kwistjonijiet qrib l-interessi taċ-ċittadini ta' kull età, u fuq li dawn jitħallew jirriflettu u jiddiskutu dwar kif l-UE taffettwalhom ħajjithom. Il-persuni akbar fl-età għandu jkollhom sens ta' appartenenza meta jitkellmu dwar l-UE.

Ħafna ċittadini tal-UE jqisu l-kooperazzjoni tal-UE u dik Ewropea bħala fatt. Il-pakkett jagħtihom għarfien dwar għaliex is-27 stat membru tal-UE jagħżlu li jaħdmu flimkien. Din tista' tidher mistoqsija sempliċi, iżda hija importanti jekk tabilħaqq trid tifhem għaliex ċerti kwistjonijiet ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell nazzjonali u għaliex huwa importanti li jinstabu soluzzjonijiet li jaħdmu għall-Ewropej kollha. Dak huwa l-għan tal-ħidma tal-Kunsill. L-istati membri jinnegożjaw sakemm isibu soluzzjoni li taħdem għal kulħadd. Is-solidarjetà hija kruċjali.

Il-messaġġi ewenin tal-pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew huma:

- il-politika Ewropea hija dwarek (xiex u kif)
- is-27 pajjiż tal-UE qed jaħdmu flimkien għall-ġid komuni (għaliex)

## Objettivi ta' tagħlim għal persuni li għandhom aktar minn 60 sena

- Matul din il-lezzjoni l-parteciċipanti ser jiksibu stampa ċara ta' kif pajjiżhom u l-UE huma konnessi.
- Matul din il-lezzjoni l-parteciċipanti ser ifakkru, jiddiskutu u jqabblu l-bidliet bejn ħajjithom u l-ħajja tal-ġenerazzjonijiet ta' wara fl-UE.
- Wara l-lezzjoni, il-parteciċipanti ser ikunu jistgħu jispjegaw x'tagħmel l-UE għall-ħajja tagħhom ta' kuljum.
- Wara l-lezzjoni l-parteciċipanti ser jifhmu kif pajjiżhom stess jinfluwenza l-aġenda tal-UE.



# Dwar il-lezzjoni

## Struttura u tul tal-lezzjoni

Il-lezzjoni hija maqsuma fi tliet partijiet u idealment tista' tieġu bejn 50 u 60 minuta, skont kemm għandek ħin. Din hija skeda ta' żmien issuġġerita, segwita minn deskrizzjoni pass pass tal-materjali u l-metodi.

5 min.	<b>Parti 1:</b> L-UE u pajjiżna (10 min.)	<b>Parti 2:</b> Ilbieraħ u llum (20 min)	<b>Parti 3:</b> L-influenza ta' pajjiżna fl- UE (20 min.)	5 min.
60 minuta				

## Tħejjija

Dan il-pjan ta' lezzjoni huwa lest għall-użu mill-professionisti tal-edukazzjoni li għandhom isegwu l-passi ta' hawn taħt. Madankollu, hemm bżonn tħejjija tajba. Tista' tfassal il-lezzjoni skont l-isfond u l-ħtiġijiet edukattivi tal-grupp tiegħek. Kun ċert li tipprepara billi tuża l-links utli pprovduti, u tista' tinkludi l-għarfien jew ir-riċerka tiegħek stess.

### ***Kif tista' tipprepara?***

Ħu ħsieb li tkun taf kemm ser ikollok parteċipanti u ħin. Jekk il-lezzjoni kif deskritta fil-manwal mhijiex adatta għall-għadd ta' parteċipanti jew il-ħin tal-lezzjoni disponibbli, ipprova żommha qrib tal-oriġinal jekk tibdel xi ħaġa fl-istruttura tal-lezzjoni. Tista' tuża s-slides pprovduti biex iżżomm l-istruttura ssuġġerita matul il-lezzjoni.

### ***Tħejjija għall-parti 1: L-UE u pajjiżna***

Is-slides 1-5 huma dwar l-UE b'mod ġenerali u huma pprovduti (lesti għall-użu). Is-slides 6, 7 u 8 qegħdin hemm biex jagħmlu l-konnessjoni mas-

sitwazzjoni nazzjonali/reġjonali/lokali tiegħek u ser ikollok bżonn tippreparahom skont il-linji gwida ta' hawn taħt.

### [Ipprepara slide 6: Informazzjoni ġenerali](#)

Sib u daħħal l-informazzjoni li ġejja kif indikat:

- Pajjiżek meta ssieħeb fl-Unjoni Ewropea?  
(Sib l-informazzjoni relatata ma' pajjiżek fuq [https://european-union.europa.eu/principles-countries-history/eu-enlargement\\_mt](https://european-union.europa.eu/principles-countries-history/eu-enlargement_mt))
- Kemm-il membru tal-PE għandu pajjiżek fil-Parlament Ewropew?  
(Sib l-informazzjoni relatata ma' pajjiżek fuq <https://www.europarl.europa.eu/meps/mt/home>)
- Min hu l-Kummissarju tal-UE għal pajjiżek? X'inhu l-qasam ta' politika tagħhom?  
(Sib l-informazzjoni relatata ma' pajjiżek fuq [https://commissioners.ec.europa.eu/index\\_mt](https://commissioners.ec.europa.eu/index_mt))
- Liema żewġ ministri nazzjonali (li x'aktarx ikunu jafu bihom il-parteċipanti) għandhom ħafna x'jaqsmu mal-politiki tal-UE? (Pereżempju, il-ministru għall-affarijiet barranin, il-klima jew l-agrikoltura).
- L-isem tal-kap tal-istat tiegħek (eż. il-President) jew tal-gvern (eż. il-Prim Ministru) li jattendi s-summits tal-UE (ħassar "stat/" jew "/gvern" kif xieraq).

L-aħħar żewġ punti huma bbażati fuq is-sitwazzjoni politika nazzjonali attwali ta' pajjiżek.

### [Ipprepara slide 7: L-UE fir-reġjun tagħna](#)

- Uża s-sit web "X'qed tagħmel għalija l-Ewropa" biex issib proġetti fir-reġjun tiegħek: <https://what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/region>
- Iddeskrivi fil-qosor proġett wieħed jew tnejn iffinanzjati mill-UE li l-parteċipanti tiegħek ikunu interessati fihom. M'hemmx għalfejn tidħol fid-dettall hawnhekk; l-għan huwa li turi lill-parteċipanti li l-UE hija dejjem involuta f'xi ħaġa fil-qrib.

### [Ipprepara slide 8: Ġrajjet kurrenti](#)

- Iċċekkja s-sorsi tal-aħbarijiet nazzjonali tiegħek u agħżel suġġett tal-ġrajjet kurrenti li jikkonċerna l-UE. Pereżempju: Il-leġiżlazzjoni tal-UE li

ġiet tradotta f'politiki nazzjonali, jew summit reċenti tal-UE li attenda l-kap ta' stat jew ta' gvern tiegħek. Kun ċert li tagħżel suġġett li mhuwiex politikament sensittiv. L-għan huwa li tinforma, mhux li jiġi pprovokat dibattitu politiku.

- Dañhal ritratt tal-iskrin ta' artiklu b'din l-aħbar fl-ispazju riżervat fuq islide.

### ***Tħejija għall-parti 2: Ilbieraħ u llum***

1. Kun ċert li tiċċekkja s-slides ipprovduti u l-iskedi tas-suġġetti/tal-affermazzjonijiet qabel ma tibda l-lezzjoni sabiex ikollok idea tal-affermazzjonijiet li l-parteċipanti ser ikunu qed jiddiskutu.
2. Aqşam il-parteċipanti fi gruppi żgħar. Hemm sitt suġġetti/affermazzjonijiet. Jekk għandek ħafna parteċipanti, tista' tassenja l-istess suġġett/affermazzjoni lil aktar minn grupp wieħed. (Jekk għandek aktar minn sitt gruppi, tista' tirrepeti xi suġġetti.) Jekk m'għandekx ħafna parteċipanti, tista' tagħżel li tuża inqas minn sitt suġġetti.
3. Ipprintja n-numru tal-iskedi tas-suġġetti/tal-affermazzjonijiet li ser ikollok bżonn.

### ***Tħejija għall-parti 3: L-influenza ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea***

1. Għal din il-parti tal-lezzjoni, il-parteċipanti ser ikollhom bżonn apparat elettroniku b'aċċess għall-internet. Dan jista' jkun smartphone, tablet jew kompjuter.
2. Iddeċiedi jekk trid li l-parteċipanti jgħibu l-apparati tagħhom stess, jew jekk intix ser tipprovdilhom xi wħud mill-apparati jew l-apparati kollha. Ħejji l-apparati skont dak li għażilt li tagħmel għal din il-parti. Għandu jkun hemm mill-inqas apparat elettroniku wieħed għal kull grupp ta' parteċipanti. Jekk ikun hemm aktar disponibbli, dawn jistgħu jintużaw/jitqassmu b'mod ugwali fost il-gruppi.
3. Ikkonsulta s-sit web "L-UE fil-ħajja tiegħek ta' kuljum" li ser jużaw il-parteċipanti: <https://www.consilium.europa.eu/en/the-eu-in-your-daily-life/>

4. Ikkonsulta s-slides ipprovduti u s-sit web dwar il-prijoritajiet tal-UE biex titgħallem aktar: [https://european-union.europa.eu/priorities-and-actions/eu-priorities\\_mt](https://european-union.europa.eu/priorities-and-actions/eu-priorities_mt)
5. Fuq is-slide 15, daħħal l-aħħar darba li pajjiżek kellu l-Prezidenza tal-UE u d-darba li jmiss.

## Materjal u ħoloq

- Slides bil-PowerPoint
- Skedi b'suġġetti/afferazzjonijiet

Il-materjali ta' hawn fuq jistgħu jinstabu fil-link li ġej:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/educational-resources-teach-learn-play/>

- Apparat elettroniku biex jintuża għall-parti 3 tal-lezzjoni (smartphone, tablet jew kompjuter)

## Informazzjoni ta' sfond għall-għalliema

Tista' ssib informazzjoni ta' sfond dettaljata dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew u l-Unjoni Ewropea inġenerali fuq is-siti web li ġejjin:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/>

<https://europa.eu>

Jew agħti daqqa t'għajn lejn il-pubblikazzjoni

[L-Ewropa fi 12-il lezzjoni](#)



## Il-lezzjoni pass pass

Segwi dawn il-passi biex tagħmel il-lezzjoni mal-grupp tiegħek. **Importanti li tiegħu ħsieb li qabel kollox tipprepara tajjeb**, kif spjegat hawn fuq.

### Introduzzjoni massimu 5 minuti

Jekk huwa grupp li inti tgħallem regolarment, ilqagħhom u għarraf lill-parteċipanti x'inhu s-suġġett tal-lezzjoni tal-lum, mingħajr ma tidħol f'wisq dettall.

Jekk ikun grupp li ser taħdem miegħu darba biss, hu ħsieb li tilqagħhom u tintroduċi ruġek (ismek, l-organizzazzjoni u għaliex qegħdin miegħek illum). Għidilhom x'inhu s-suġġett tal-lezzjoni tal-lum, mingħajr ma tidħol f'wisq dettall.

Nota: skont kemm għandek ħin, iddeċiedi jekk tridx titlob lill-parteċipanti jintroduċu ruġhom malajr.



### Parti 1 - L-UE u pajjiżna 10 minuti

Il-parti 1 tal-lezzjoni hija prinċipalment dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-parteċipanti rigward l-UE li jeħtieġu sabiex jaraw ir-rabta tagħha ma' ħajjithom.

Hemm seba' slides għal din il-parti. L-ewwel erbgħa huma dwar l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha b'mod ġenerali, u l-aħħar tlieta huma speċifikament

dwar l-UE u pajjiżek. Ara t-taqsima ta' hawn fuq dwar it-tnejnija biex **tiżgura li tkun daħħalt l-informazzjoni korretta f'dawn is-slides.**

L-għan huwa li l-parteċipanti jingħataw l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikunu ppreparati għall-partijiet 2 u 3 tal-lezzjoni.

### ***Il-preżentazzjoni tas-slides***

Kun ċert li ma težaġerax bl-informazzjoni li tagħti dwar kull slide. Hawn taħt hawn deskrizzjoni ta' dak li huwa importanti għall-parteċipanti li jifhmu għal kull slide. Għandek madwar minuta biex tippreżenta kull slide. Tista' wkoll tagħmel din il-parti aktar interattiva billi tistaqsi lill-parteċipanti x'jafu dwar kull suġġett (slides) qabel ma tippreżentahom l-informazzjoni. Tista' tuża l-mistoqsijiet fakultattivi t'hawn taħt (taħt kull slide) biex tagħmel il-preżentazzjoni aktar interattiva.

Nota: Agħmilha ċara lill-parteċipanti jekk tippreferix twieġeb mistoqsijiet matul jew wara l-preżentazzjoni tiegħek.

#### *Slide 2: Insibu soluzzjonijiet għal problemi transfruntieri*

L-Unjoni Ewropea hija proġett konġunt għall-kooperazzjoni ekonomika u politika bejn 27 stat membru.

Billi jaħdmu flimkien, l-istati membri huma aktar b'saħħithom. L-UE hija attur politiku supranazzjonali, li jfisser li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ċerti suġġetti jsir flimkien. L-istati membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tad-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-livell tal-UE.

#### *Slide 3: L-oriġini tal-UE u skeda ta' żmien*

L-istorja tal-UE mxiet minn kooperazzjoni fil-kummerċ tal-azzar u tal-faħam bl-għan li jiġi żgurat li "qatt ma jerġa' jkun hemm" gwerra fil-kontinent, għall-Unjoni ta' valuri li nafu llum.

Mistoqsijiet fakultattivi li tista' ssaqsi biex is-sessjoni tkun aktar interattiva:

- X'tafu dwar l-oriġini tal-UE?
- Meta bdiet l-integrazzjoni Ewropea?

*Slide 4: L-istituzzjonijiet tal-UE u x'jagħmlu*

**Il-Kunsill Ewropew:** kapijiet ta' stat jew ta' gvern, li jiddeċiedu dwar id-direzzjoni politika u l-prijoritajiet tal-UE.

**Il-Kummissjoni Ewropea:** is-setgħa eżekuttiva indipendenti tal-UE. Kummissarju wieħed għal kull stat membru. Tipproponi leġiżlazzjoni għda tal-UE.

**Il-Parlament Ewropew:** "il-vuċi tan-nies" fl-UE. Il-kontroll demokratiku tal-proċess leġiżlattiv. Jikkondividi s-setgħa leġiżlattiva mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:** "il-vuċi tal-istati membri" fl-UE. Ministru wieħed minn kull stat dwar għaxar suġġetti differenti. Jikkondividi s-setgħa leġiżlattiva mal-Parlament Ewropew.

Mistoqsijiet fakultattivi li tista' ssaqsi biex is-sessjoni tkun aktar interattiva:

- F'liema istituzzjoni jiltaqgħu l-kapijiet ta' stat jew ta' gvern?
- Liema istituzzjoni tipproponi l-leġiżlazzjoni tal-UE?
- Liema istituzzjoni tal-UE hija eletta direttament miċ-ċittadini?
- Liema istituzzjoni tal-UE tirrappreżenta l-gvernijiet tal-istati membri?

*Slide 5: Leġiżlazzjoni Ewropea*

Meta l-prijoritajiet jiġu stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea tressaq leġiżlazzjoni għda. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddiskutu, jemendaw u jivvotaw dwar il-leġiżlazzjoni proposta, f'diversi ċikli jekk ikun meħtieġ. Jekk il-leġiżlazzjoni tiġi adottata, il-Kummissjoni Ewropea tkun responsabbli għall-infurzar tagħha u biex tiżgura li l-istati membri jimplimentawha/jirratifikawha fil-livell nazzjonali.

Mistoqsija fakultattiva li tista' ssaqsi biex is-sessjoni tkun aktar interattiva

- Tafu kif tiġi adottata l-leġiżlazzjoni tal-UE?

*Slide 6: Informazzjoni ġenerali dwar pajjiżna fl-UE*

Statistika u ċifri kif imħejjija minnek.

Mistoqsija fakultattiva li tista' ssaqsi biex is-sessjoni tkun aktar interattiva

- Pajjiżna meta ngħaqad mal-Unjoni Ewropea?

### *Slide 7: L-UE fir-reġjun tagħna*

Proġetti fir-reġjun li tixtieq tenfasizza. Naturalment, ħafna suġġetti jġu ttrattati fil-livell internazzjonali u nazzjonali. Iżda kif jistgħu jaraw il-parteċipanti hawnhekk, l-UE tinsab ukoll qrib. L-UE tiffinanzja ħafna proġetti reġjonali.

(Mistoqsija fakultattiva li tista' ssaqsi biex is-sessjoni tkun aktar interattiva)

- Tafu b'xi proġetti ffinanzjati mill-UE fir-reġjun tagħna?

### *Slide 8: Ġrajjet kurrenti f'pajjiżna li jikkonċernaw l-UE*

Skont l-artiklu tal-aħbarijiet magħżul matul it-tnejjija.

### **Mistoqsijiet matul/wara l-preżentazzjoni tiegħek**

- Hu ħsieb li tħalli biżżejjed ħin għal mistoqsijiet oħra. Jekk ma tafx it-tweġiba għal mistoqsijiet speċifiċi, għid lill-parteċipanti li ser tiċċekkja aktar tard u ttihom risposta. Tista' tagħmel dan waqt li jaħdmu individwalment fil-parti 3 tal-lezzjoni.
- Nota importanti hawnhekk: xi parteċipanti jistgħu jkunu jridu jibdw diskussjoni politika dwar l-Unjoni Ewropea jew dwar ċertu suġġett. Din il-parti tal-lezzjoni mhijiex il-mument adatt għal. Jekk dan iseħħ, jekk jogħġbok għid lill-parteċipanti li ser ikollhom l-opportunità li jtkellmu dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-parti 3 tal-lezzjoni.



## Parti 2 - Ilbieraħ u llum 20 minuta

Il-parteċipanti ser jiddiskutu fi gruppi żgħar. L-għan huwa li l-parteċipanti jevokaw il-memorji, jaqsmu l-esperjenzi u jqabblu l-ħajja ta' qabel ma kienet teżisti l-Unjoni Ewropea (jew fil-bidu tal-eżistenza tagħha/) mas-sitwazzjoni ta' issa. Kif inhi differenti l-ħajja tan-neputijiet tagħhom jew ta' żgħażaġħ oħra meta mqabbla ma dik tal-parteċipanti meta kienu żgħażaġħ? Is-suġġetti huma dwar bidliet li raw li qed iseħħu b'għajnejhom:

- **Paċi:** In-neputijiet tagħna jgħixu f'Ewropa aktar paċifika milli meta kellna l-età tagħhom
- **Infrastruttura:** L-infrastruttura tjobbet minn meta pajjiżna ssieħeb fl-UE
- **Ekonomija:** L-ekonomija tagħna kibret minħabba s-sħubija fl-UE
- **Vjaġġar/turiżmu:** Il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar raw aktar mill-Ewropa milli rajt jien
- **Protezzjoni tal-wirt kulturali:** Il-wirt kulturali tagħna huwa protett permezz ta' finanzjament tal-UE
- **Xogħol u studju barra l-pajjiż:** Iż-żgħażaġħ jistgħu jaħdmu u jistudjaw f'pajjiżi oħra ħafna aktar faċilment milli stajna nagħmlu aħna.

### ***Oħloq gruppi ta' diskussjoni (2 minuti)***

1. Matul it-tnejn, iddeċidejt kemm ser ikollok bżonn gruppi. Ipprintajt ukoll in-numru tal-iskedi tas-suġġetti/tal-affermazzjonijiet li ser ikollok bżonn.
2. Aqsam il-parteċipanti fi gruppi żgħar u ħallihom ipoġġu fejn xulxin. Tista' tagħżel li tqassamhom fi gruppi inti stess, iżda peress li qed taħdem mal-adulti jistgħu joħolqu wkoll gruppi huma stess.
3. Agħti lil kull grupp skeda ta' suġġett/affermazzjoni.

### ***Struzzjonijiet (minuta (1))***

Għid lill-parteċipanti li għandhom madwar 10 – 15-il minuta biex jiddiskutu s-suġġett u l-affermazzjoni. Kun ċert li jifhmu l-għan tal-eżerċizzju: mhuwiex daqstant dwar il-kondiviżjoni tal-opinjoni tagħhom dwar l-affermazzjoni, iżda aktar dwar il-bidliet li nnutaw bejn dak iż-żmien u llum. *Kif inhi differenti*

*l-ħajja tan-neputijiet tagħhom jew ta' żgħażaġh oħra meta mqabbla ma' dik tal-parteċipanti meta kienu żgħażaġh, fir-rigward ta' dawn is-suġġetti?*

### ***Diskussjoni fi gruppi (10 - 15-il minuta)***

1. Ғalli l-gruppi jikkellmu għal 10 - 15-il minuta, skont il-kwalità tad-diskussjonijiet. Jekk id-diskussjonijiet isiru inqas produttivi wara 10 minuti, għaddi għar-riflessjoni plenarja (kif deskritt hawn taħt).
2. Matul din il-parti tal-lezzjoni, ibqa' attiv. Dur il-gruppi u kun ċert li tintervjeni meta diskussjoni toħroġ mis-suġġett, tidħol fi spiral negattiv, jew meta parteċipant ikun l-uniku wieħed li jikkellem fil-grupp.

### ***Riflessjoni plenarja (fakultattiva) jew ir-riflessjoni tiegħek stess (massimu ta' 5 minuti)***

1. Jekk għandek il-ħin, ғalli xi nies jirriflettu fil-plenarja dwar id-diskussjoni li kellhom fil-gruppi tagħhom. X'kienu l-akbar bidliet li nnutaw bejn dak iż-żmien u llum dwar is-suġġett tagħhom? Kun ċert li tibqa' kostruttiva u pożittiva. Jekk il-parteċipanti jaqsmu biss bidliet negattivi, staqsi jekk huma jew xi ħadd ieħor jistax isemmi bidla pożittiva wkoll.
2. Jekk id-diskussjonijiet kienu produttivi biżżejjed biex jibqgħu għaddejjin 15-il minuta, temm din il-parti billi tagħti riflessjoni rapida tiegħek dwar bidliet kbar bejn dak iż-żmien u llum li smajt mill-gruppi differenti.



## Parti 3 - L-influwenza ta' pajjiżna fl-UE 20

### minuta

Fil-partijiet 1 u 2 il-parteċipanti kellhom spinta teoretika qasira għall-għarfien tagħhom dwar l-UE u qasmu l-fehmiet personali tagħhom dwar id-differenzi bejn l-għajxien ta' dak iż-żmien u dak tal-lum. Fl-aħħar parti, il-parteċipanti ser ikollhom l-opportunità li jesploraw huma stess fil-qosor is-sit web "L-UE fil-ħajja tiegħek ta' kuljum" biex isiru jafu kif xi suġġetti tal-UE jaffettwaw ħajjithom direttament.

Abbażi tal-informazzjoni li jiġbru, ser jintalbu jagħmlu klassifikazzjoni tal-għaxar suġġetti, biex jagħtu prijorità, skont il-kriterji tagħhom, lil dawk li l-UE għandha tiffoka fuqhom fil-futur.

Il-parteċipanti mbagħad jiddiskutu fil-plenarja u jiskopru jekk ikunx hemm similaritajiet bejn il-klassifikazzjoni li jkunu għamlu u l-prijoritajiet tal-UE għall-2024 – 2029. B'dan il-mod il-parteċipanti ser jiskopru kif jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-UE, u kif pajjiżhom huwa (politikament) involut fit-tfassil tal-aġenda strateġika tal-UE.



Il-parteċipanti jeħtieġu apparat għal din il-parti tal-lezzjoni. Sit web li għandu jintuża: [L-UE fil-ħajja tiegħek ta' kuljum](#) (tista' tuża l-QR li hemm fuq is-slides).

### **Struzzjonijiet (2 minuti)**

1. Għid lill-parteċipanti li issa jistgħu jużaw l-apparat tagħhom jew ipoġġu quddiem kompjuter.
2. L-għan tal-attività li jmiss huwa li l-parteċipanti jaraw huma stess li dak li huwa importanti għalihom jew għal pajjiżhom ikun fl-aġenda tal-UE u fil-ħidma tagħha. L-UE ma tistabilixxix l-aġenda tagħha stess, hija fil-fatt ibbażata fuq dak li l-istati membri jaraw li qed iseħħ f'pajjiżhom u dak li jqisu li huwa importanti li jaħdmu flimkien fuqu.
3. Għin lill-parteċipanti jinnavigaw fuq is-sit web "L-UE fil-ħajja tiegħek ta' kuljum". Għid lill-parteċipanti li għandhom madwar għaxar minuti biex jesploraw is-sit web.

### **Esplorazzjoni tas-sit web (8 minuti)**

1. Ħalli lill-parteċipanti jesploraw is-sit web waħedhom. Għin lill-parteċipanti li jeħtieġu min imexxihom.

2. Agħmilha ċara li din l-attività hija biss biex jieħdu idea ta' x'tagħmel l-UE u kif dan jaffettwa l-ħajja tagħhom ta' kuljum, u li jistgħu jieħdu ż-żmien biex jesploraw dak li l-aktar jinteressahom.

Nota: Jekk għandek aktar ħin, ħalli lill-parteciċipanti jużaw dan il-ħin biex jesploraw aktar.

### **Klassifikazzjoni tal-prijoritajiet tiegħek (3 minuti)**

1. Itlob lill-parteciċipanti jieqfu minn dak li qed jagħmlu u jwarrbu l-apparati tagħhom. Jekk iridu jkomplu jesploraw is-sit web, għidilhom li wara ser tagħtihom il-link.
2. Uri s-slide bit-tmien suġġetti mis-sit web:

L-ikel tiegħek	Ix-xiri tiegħek	L-internet tiegħek	Il-ħajja tiegħek fil-miftuħ
Saħħtek	Il-karriera tiegħek	Flusek	L-ivvjaġġar tiegħek

U żewġ suġġetti addizzjonali:

Valuri	Sigurtà
--------	---------

3. Itlob lill-parteciċipanti jagħżlu l-ewwel tlieta minn dawn l-10 suġġetti. Liema suġġetti jaħsbu li għandhom ikunu fuq quddiem fil-lista ta' prijoritajiet tal-UE?

### **Prijoritajiet tal-UE għall-2024 – 2029 (7 minuti)**

1. Uża s-slides biex tispjega kif tiġi stabbilita l-aġenda tal-UE. Hu ħsieb li l-parteciċipanti jifhmu l-idea ġenerali li l-aġenda politika u l-istrateġija huma stabbiliti mill-mexxejja tal-UE27 fil-Kunsill Ewropew, li l-kap ta' stat jew ta' gvern tagħhom stess huwa parti minnu.
2. Imbagħad uri s-slide bil-prijoritajiet tal-UE għall-2024 – 2029. Staqsi lill-parteciċipanti tiegħek jekk hemmx xi waħda mit-tliet prijoritajiet ewlenin tagħhom hemmhekk. Ħalli xi wħud minnhom iwieġbu fil-qosor.
3. Irrimarka li l-10 suġġetti (u aktar) kollha jinsabu f'xi waħda mit-tliet prijoritajiet ewlenin:
  - Ewropa ħielsa u demokratika: valuri, internet, karriera, saħħa, xiri eċċ.
  - Ewropa b'saħħitha u sigura: sigurtà, flus, xiri, vjaġġi eċċ.
  - Ewropa għanja u kompetittiva: *flus, karriera, ħajja fil-beraħ, ikel eċċ.*

4. Ikkonkludi bil-messaġġ li l-Unjoni Ewropea hija proġett konġunt għal kooperazzjoni ekonomika u politika bejn 27 stat membru li jikkondividu l-istess valuri u jagħżlu li jaħdmu flimkien biex jibqgħu aktar b'saħħithom.
5. Barra minn hekk: Jista' jkun interessanti li ssemmi fil-qosor il-presidenza b'rotazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Tista' turi l-filmat fuq is-slide 15 (1m49).  
Nota: Hemm ukoll lezzjoni dwar il-presidenza b'rotazzjoni fil-pakkett tal-educazzjoni ċivika.

## Tmiem il-lezzjoni minimu 5 minuti

1. Staqsi lil xi parteċipanti x'għamlu matul din il-lezzjoni. Hemm xi ħadd li jista' jgħidlek xi ħaġa li tgħallem? X'tafu issa li ma kontux tafu qabel?
2. Ara jekk wasalx il-messaġġ dwar il-ħidma flimkien billi tistaqsi lil uħud mill-parteeipanti għaliex is-27 stat membru jaħdmu flimkien.
3. Wieġeb xi mistoqsijiet tal-aħħar li jista' jkollhom il-parteeipanti.



*In-neputijiet tagħna jgħixu  
f'Ewropa aktar paċifika minn  
dik ta' meta kellna l-età  
tagħhom.*

*In-neputijiet tagħna jgħixu  
f'Ewropa aktar paċifikaminn  
dik tal-familji tagħna jew tal-  
pajjiżi tagħna 100 sena ilu.*



# Infrastruttura

*L-infrastruttura tgiebet minn  
meta pajjiżna  
ssieħeb fl-UE.*



# Ekonomija

*L-ekonomija tagħna kibret  
minħabba s-sħubija fl-UE.*



# Ivjaġġar, Turiżmu

*Il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar  
raw aktar mill-Ewropa  
milli rajt jien.*



# Wirt kulturali

*Il-wirt kulturali tagħna huwa  
protett mill-finanzjament tal-  
UE.*



# **Ix-xogħol u l- istudju**

*Iż-żgħażaġh jistgħu jaħdmu  
u jistudjaw f'pajjiżi oħra  
ħafna aktar faċilment milli  
stajna aħna.*